MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 102/1998/1

Bernard sive Nardu Zammit ;
MPJ Limited ; u
Domenic Department Stores (DDS) Limited .

vs

Mario u Rose sive Rose Mary konjugi Farrugia .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi intom għandkom tħallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u għoxrin lira maltija (Lm720) rappreżentanti s-sehem dovut minnkom lilhom bi ħlas ta' xogħol illi twettaq fil-partijiet komuni ta' blokk flats magħruf bħala "Venus Court" Saint Mary Street, Marsalforn, Għawdex, oltre s-somma ta' erbgħin lira maltija (Lm40) rappreżentanti s-sehem tagħkom mill-ispejjeż għall-istallazzjoni tal-meter tal-elettriku fl-istess

partijiet komuni, u dana skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ bejgħ tat-3 ta’ April, 1993, fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo; tiġu kkundannati tħallsu l-istess ammonti flimkien mal-interessi b’effett mid-data tal-ittra uffiċjali sal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta’ Mejju 1994 kontra tagħkom; u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew :

1. Illi l-esponenti qegħdin jikkontestaw bħala eċċessiv l-ammont reklamat mill-atturi .

2. Illi stante li l-ammont ma kienx likwidat ma għandux jitħallas imgħax .

3. Bl-ispejjeż kontra l-atturi .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru 2002 fejn innominat lill-A.I.C. Joeph Mizzi bħala perit tekniku sabiex jivverifika d-dokumenti esebiti mill-atturi .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2004 u minnu maħlufa fit-12 ta' Novembru 2004 .

Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu mingħand il-konvenuti l-ħlas għal sehemhom mill-ispejjeż sabiex tlestew il-*common parts* fi block ta' appartamenti f'Marsalforn, fejn appartament minnhom jappartjeni lill-konvenuti . Din it-talba qed jagħmluha skond ftehim li kien

sar fl-okkażżjoni tax-xiri ta' l-istess appartament, fejn il-partijiet qablu illi l-atturi bħala vendituri kellhom ilestu l-*common parts* ta' dan il-blokk u l-ispejjeż jinqasmu bejn il-ħames akkwirenti ta' l-appartamenti li jinsabu fih . Il-kontestazzjoni tal-konvenuti hija dwar l-ammont mitlub, għax isostnu illi dan huwa esaġerat . Wara li l-atturi xehdu dwar il-pretensjonijiet tagħhom u anke ppreżentaw diversi kontijiet sabiex isostnu s-somma minnhom mitluba, il-konvenuti baqgħu ma kkonvinċewx ruħhom u għalhekk talbu l-ħatra ta' perit arkitett sabiex jeżamina l-kontijiet ippreżentati u jirrelata dwar l-ammont mitlub .
L-A.I.C. Joseph Mizzi, wara li eżamina d-diversi *invoices* esebiti mill-atturi f'din il-kawża, kien ta' l-opinjoni illi dawn "*l-invoices huma ġenwini u jirriflettu kontijiet aċċettabbli 'fair and reasonable' u dan japplika wkoll għax-xogħol tal-bajjad li kien inkarigat fix-xogħol tal-common parts*." Għaldaqstant ikkonkluda illi "*s-somma mitluba mill-atturi għandha tiġi milqugħa fl-enterita' tagħha'*.

Il-konvenuti bl-ebda mod ma kkontestaw dawn il-konklużjonijiet peritali, u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex toqgħod fuq din l-opinjoni teknika . Għalhekk tagħmilha tagħha u hija wkoll tasal għal konklużjoni illi l-atturi kienu ġustifikati fit-talbiet tagħhom .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara illi l-konvenuti għandhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mija u għoxrin lira maltija (Lm720) rappreżentanti s-sehem dovut minnhom bi ħlas ta' xogħol illi twettaq fil-partijiet komuni ta' blokk ta' flats magħruf bħala "Venus Court", Saint Mary Street, Marsalforn, Għawdex, oltre s-somma ta' erbgħin lira maltija (Lm40) rappreżentanti s-sehem tagħhom mill-ispejjeż għall-istallazzjoni tal-meter tal-elettriku fl-istess partijiet komuni, u dana skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' bejgh tat-3 ta' April 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo; u konsegwentement

2. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess ammont flimkien ma' l-interessi, imma peress li ma nġiebet ebda prova dwar l-ittra uffiċċjali msemmija fl-Avviz, b'effett mid-data ta' istess avviz sal-pagament effettiv .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti wkoll .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------